MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 401/2008

Anton **CORTIS** u martu Moira Cortis

vs

**JDC COMPANY LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-22 ta’ April, 2008 li bih ir-rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti (a) tikkundanna lill-kumpanija mħarrka biex tersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ bejgħ tal-*garage* internament markat bin-numru sebgħa (7) fi stat ta’ ġebel u saqaf, li jinsab fil-livell ta’ fuq tal-kantina li tagħmel mill-bini bla numru imma li jġib l-isem ta’ “*Casa d’Elena”*, fi Triq Tumas Fenech, Birkirkara, u dan skond il-patti u l-kundizzjonijiet miftehma bejn il-partijiet f’att ta’ konvenju tas-sita (6) ta’ Marzu, elfejn u sitta (2006); u (b) taħtar

nutar biex jippublika l-imsemmi kuntratt u kuraturi biex jidhru f'isem dawk li jonqsu li jersqu għall-kuntratt. Talbu wkoll l-ispejjeż u żammew sħiħ il-jedd tagħhom li jfittxu lill-kumpanija mħarrka għad-danni;

Rat illi r-rikors ġie debitatament notifikat lis-soċjeta' intimata bil-mezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni għall-finijiet tal-att 187 (5) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, li naqset li tippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet lill-Avukat tas-soċjeta' rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-Rikors tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċju tas-soċjeta' intimata' tiddeċiedi billi: **tilqa' t-talba** tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotta fir-Rikors Maħluf u qiegħda tikkundanna lill-kumpanija mħarrka biex tersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku tal-bejgħ tal-*garage,* internament bin-numru sebgħa (7), fi stat ta' ġebel u saqaf f'livell ta' fuq tal-kantina li tagħmel mill-binja bla numru, imma li ġġib l-isem ta' *"Casa d'Elena"*, fi Triq Tumas Fenech, Birkirkara, u dan skond il-patti u l-kundizzjonijiet miftehma fl-att tal-konvenju tas-sitta ta' Marzu, 2006;

**tilqa' t-tieni talba attriċi** billi taħtar lin-Nutar Dottor Carmel Manġion bħala nutar biex jippubblika l-istess kuntratt fil-jum, ħin u post li hija għandha tiffissa wara li ssirilha talba f'dan is-sens mill-istess nutar pubbliku; u billi taħtar lill-Avukat Dottor Marshali Camilleri bħala kuratriċi biex tidher fuq l-imsemmi att f'isem dawk li jonqsu li jersqu għall-kuntratt;

u **tikkundanna** lill-kumpanija mħarrka tħallas **l-ispejjeż kollha tal-kawża**, magħduda dawk tal-kuratriċi maħtura bis-saħħa ta' din is-sentenza liema dritt jitħallas provviżjorjament mill-atturi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------